# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 1 ta' Dicembru, 2021.**

**Numru 3**

**Rikors numru 260/14/1 AE**

**Dylan Azzopardi**

**v.**

**Peter Zammit u martu Sharlot Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur Dylan Azzopardi fit-28 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu nghad:

> *"1. Illi l-intimat Peter Zammit hareg kambjala nhar il-31 ta' Awissu 2013 fis-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000) a favur tar-rikorrent, liema kambjala skadiet izda ma gietx onorata. Kopja ta' liema qieghed jigi ezebit u mmarkat bhala Dok A;*

*2. Illi konsegwentement ir-rikorrent ipproceda b'ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 253 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra giet kontestata permezz ta' rikors li ghandu numru 955/13 JRM u jinsab differit ghad-9 ta' April 2014 ghas-sentenza;*

*3. Illi r-rikorrent pproceda wkoll bl-actio cambiaria liema kawza ghandha n-numru 1028/13 LSO u hija differita ghal-24 ta' April 2014;*

*4. Illi nel frattemp ir-rikorrent sar jaf li l-intimati tlett ijiem biss wara l-hrug tal-kambjala hawn fuq imsemmija, ossia fit-3 ta' Settembru 2013, iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni tal-beni. Kopja ta' liema qieghed jigi ezebit u mmarkat bhala Dok B;*

*5. Illi kif jirrizulta mill-kuntratt hawn anness l-intimata assumiet l-assi kollha;*

*6. Illi jirrizulta wkoll li l-intimat Peter Zammit ricentement kellu diversi problem finanzjarji u ghandu diversi kredituri;*

*7. Illi konsegwentement dan l-agir jikkostitwixxi agir qarrieqi da parti taz-zewg intimati sabiex tigi kawzata hsara kontra l-jeddijiet tar-rikorrenti, u ghalhekk it-trasferiment msemmija jista' jigi attakkat skond l-artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1) Tiddikjara li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ppublikat nhar it-3 ta' Settembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr. Marilena Cristina sar b'qerq bi hsara tad-drittijiet tar-rikorrenti bhala kreditur tal-intimat Peter Zammit u dan bi ksur tal-artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u konsegwentement huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*2) Thassar ai finijiet kollha u effetti tal-ligi l-imsemmi kuntratt prevja li tordna notifika tas-sentenza ta' dawn il-proceduri lin-Nutar Dr. Marilena Cristina sabiex taghmel annotazzjoni ta' din is-sentenza fuq il-kuntratt imsemmi."*

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konjugi Peter u Sharlot konjugi Zammit, ipprezentata fit-23 ta'April, 2014, li permezz taghha eccepew:

*"1. Preliminarjament illi l-azzjoni kkontemplata mir-rikorrenti hija effetwata bl-illecitu u bbazata fuq stqarrija falza meta l-ammont allegat misluf huwa sostanzjalment inqas minn dak imsemmi kemm fil-kambjala kif ukoll fl-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu msemmija izda 'l isfel kif ukoll meta mill-ammont attwalment misluf l-eccipjenti kienu*

*ben sitt xhur ilu u fuqhom hallsu lir-rikorrenti Azzopardi s-somma ta' madwar €30,000;*

*2. Illi mhu minnu assolutament xejn dak allegat minn Dylan Azzopardi fir-rikors promotur illi l-eccipjenti agixxew b'mod qarrieqi u bi hsara tal-jeddijiet tar-rikorrenti anzi bil-kontra kien Dylan Azzopardi illi hekk agixxa fil-konfront taghhom meta ben konsapevoli illi Peter Zammit kien mizzewweg u kien ilu mizzewweg ghal madwar 16-il sena jekk mhux fuqhom iprokura li jiehdu ghand l-avukat tieghu wkoll konsapevoli li Peter Zammit kien mizzewweg fejn gie mgieghel jiffirma skrittura privata fejn ikkostitwixxa ruhu debitur kif gie mgieghel ukoll jiffirma l-kambjala dokument A mhux biss minghajr il-presenza l-approvazzjoni u l-firma ta' martu Charlotte Zammit pero', assolutament ad insaputa taghha;*

*3. Illi, u aghar kien l-istess Dylan Azzopardi li b'qerq u b'mod illegali u sahansitra bi ksur tal- Ligijiet Kriminali gieghel li Peter Zammit jaccetta li jiffirma li ssellef ammont sostanzjalment izjed minn dak attwalment misluf kollox kif jigi spjegat iktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*4. Illi l-qerq percepit minn Dylan Azzopardi jkompli jawmenta meta, ben konsapevoli illi qabel ma harrek lil Peter Zammit u harrku wahdu ghal diversi drabi minghajr ma qatt inkluda lil martu Charlotte, l-eccipjenti l-ohra, li mid-data ta' meta kien beda jislef il-flus lil Peter Zammit sad-data ta' meta fetah proceduri legali kontra tieghu ghal hlas tas-somma indikata fil-kambjala Azzopardi kien ircieva minghand Peter Zammit, akkont tal-ammont attwalment misluf madwar €30,000 xorta wahda ha gurament ghal darba, darbtejn, tlieta u erba' illi huwa qatt ma kien thallas l-ebda ammont akkont tal-ammont misluf kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*5. Illi matul dawn l-ahhar sitt xhur circa u dejjem fuq l-istess kawzali ta' dawn il-proceduri Dylan Azzopardi ntavola mas-seba' jew tmien proceduri kontra l-eccipjenti jew min minnhom fosthom tlett mandati ta' inibizzjoni, tnejn minnhom michuda gia u t-tielet wiehed ghad irid jinstema' kollha bit-talba illi l-partijiet jew min minnhom jigu inibiti milli jitrasferixxu d-dar konjugali taghhom, forsi l-iktar ezempju car ta' forum shopping u ta' attentat malin fejn l-iskop dawn it-tlett mandati ta' inibizzjoni gew appozitament intavolati biex jigu mismugha minn tlett Imhallfin differenti mill-Imhallfin li jippresjedu fuq il-Prim'Awla tal-Qorti Civili bl-isperanza illi b'mod qarriq kull darba Dylan Azzopardi jiehu cans iehor f'attentat li jivvendika ruhhu lil min qed jirrifjuta joqghod ghall-uzura u ghal tattici ta' bully li ilu jimbotta l-imsemmi Azzopardi ghal ben seba' darbiet bl-isperanza li xi darba jolqot;*

*6. Illi l-unika haga li kienu kostrett jaghmlu l-eccipjenti konjugi Zammit kien li jilqghu ghall-isfruttament taghhom b'mod mill-iktar illegali u sahansitra kriminuz ta' min ghamel u ghadu qed jaghmel minn kollox biex igibhom arkubtejhom u jbaxxu rashom biex ihallsu dak li qatt gie*

*misluf u li minn dak li fil-fatt gie misluf thallas iktar minn nofsu, kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*7. Illi tant hu minnu dak spjegat izjed 'il fuq illi aktar kmieni din is-sena kien sar ftehim verbali bejn il-kontendenti fil-presenza tal-legali taghhom illi s-somma attwalment dovuta mill-esponenti lir-rikorrenti kienet dik ta' €31,000 u liema somma kellha tigi mhallsa ratejalment;*

*8. Illi hija ghal kollox inveritier l-kontenut tal-paragrafu sitta tar-rikors promotur fejn Azzopardi halef li "l-intimat Peter Zammit ricentement kellu diversi problem finanzjarni..." meta l-istess Azzopardi kien ilu jaf li Peter Zammit kien debitur ta' terzi ferm qabel ma giet iffirmata l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu bejniethom kif ukoll mimlija l-kambjala bl-ammont imsemmi fiha;*

*9. In oltre' huwa affermat illi d-dejn li l-eccipjenti jew min minnhom ghandhom ma' terzi huwa kopert b'dan illi m'humiex dovuti ammonti lil dawn it-terzi jekk mhux hames snin ohra jew circa, b'mod iehor qed jithallsu ratejalment u bi ftehim mal-kreditur, kollox kif tigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*10. Fl-ahharnett u dana jorbot ma' l-ewwel eccezzjoni msemmija izjed 'il fuq hadd ma jista' jibbaza kawza u jitlob l-intervent u l-assistenza ta' Qorti ta' Gustizzja biex mieghu jsir il-haqq meta bl-agir ta' dik il-persuna li titlob l-ghajnuna minghand il-Qorti jkollha idejja mcapsa bit-tajn fil-kaz odjern mhux biss bl-uzura ta' rata li twerwer izda meta dik il-persuna tkun ukoll f'sitta jew seba' okkazzjonijiet halfet il-falz quddiem dawn il-Qrati ppreseduti minn ben erba' Imhallfin differenti meta baqghat tinsisti li ma thallset xejn mill-ammont minnha originarjament mislufa lil Peter Zammit meta kollox juri l-oppost.*

*Salv kull eccezzjoni ulterjuri."*

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Ottubru, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi ddikjarat li dik il-parti tal-kuntratt tat-3 ta' Settembru, 2013, pubblikat min-nutar Dr. Marilena Cristina li bih il-konvenut assenja lill-konvenuta sehmu mill-fond 45, Old Mill House, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta u tal-vettura Peugeot 107 bin-numru EBT 151, sar b'qerq, bi hsara tad-drittijiet tal-attur bhala kreditur tal-konvenut Peter Zammit. Ghall-fini tat-tieni talba ddikjarat li fil-konfront tal-attur, il-kuntratt tat-3 ta' Settembru, 2013, ma jghoddx biss

ghal dik il-parti li biha l-konvenut assenja nofs indiviz tal-fond 45, Old Mill House, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta u tal-vettura Peugeot 107 bin-numru EBT 151 lill-konvenuta u li m'hemmx htiega ta' xi ordni ulterjuri. Bl-ispejjez a karigu tal-konvenuti.

4. Dik is-sentenza nghatat mill-ewwel Qorti wara li saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"L-attur ippropona l-actio pauliana sabiex jimpunja kuntratt ta' separazzjoni tal-beni pubblikat fit-3 ta' Settembru 2013 fl-atti tan-Nutar Dr Marilena Cassar. Fil-qosor 'il fatti huma:-*
>
> *1. Il-konvenut iffirma kambjala datata 31 ta' Awissu 2013, favur l-attur ghas-somma ta' sittin elf ewro (€60,000). Fil-kambjala jinghad li l-hlas kellu jsir fit-3 ta' Settembru 2013.*
>
> *2. Il-konvenuti zzewwgu fl-10 ta' April 1994. Fil-31 ta' Jannar 2012 xtraw minghand Frangisk Fenech, il-fond numru 45, Old Mill House, Triq il-Mithna Qadima, Mosta ghall-prezz ta' €139,760.*
>
> *3. Fit-3 ta' Settembru 2013 il-konvenuti iffirmaw kuntratt pubblikat min-nutar Dr Marilena Cassar (fol. 6) li bih itterminaw il-komunjoni tal-akkwisti. Fil-kuntratt il-konvenuti ddikjaraw li l-komunjoni tal-akkwisti tikkonsisti fil-fond 45, Old Mill House, Triq il-Mithna l-Qadima, vettura Peugeot bin-numru EBT 151 u mobbli li hemm fid-dar. Kemm id-dar u l-vettura gew assenjati lill-konvenuta. Fil-kuntratt inghad: "This transfer is being effected from the Husband to the Wife in virtue of the fact that both the deposit paid for the purchase of this property and as regards the living expenses incurred by the Parties, including all educational and health-related expenses relating to the Son, the Husband has not contributed in any manner towards these expenses and payments".*
>
> *4. Fl-4 ta' Ottubru 2013 il-konvenut ipprezenta rikors[1] fejn talab lil din il-qorti sabiex tordna s-sospensjoni tat-titolu ezekuttiv[2] li ghandu l-attur. B'digriet tad-9 ta' April 2014 il-qorti cahdet it-talba. Jidher li l-provvediment gie appellat.*
>
> *Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti, tosserva:-*

---

[1] Fl-atti tal-ittra ufficjali numru 2987/2013 tal-1 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet Dylan Azzopardi vs Peter Zammit.
[2] Il-kambjala.

1. *L-Artikolu 1144 tal-Kodici Civili jipprovdi:*

"*Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l-atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni……*

*(2) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu oneruz, il-kreditur ghandu jipprova li kien hemm qerq min-naha taz-zewg partijiet fil-kuntratt.*

*(3) Jekk dawn l-atti jkunu b'titolu gratuwitu, bizzejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naha tad-debitur";*

*L'actio pauliana ha la funzione non solo di ricostituire la garanzia generica assicurata al creditore dal patrimonio del suo debitore, al fine di permettergli il soddisfacimento coattivo del suo credito (sicche' la relativa sentenza ha efficacia retroattiva, in quanto l'atto dispositivo e' viziato sin dall'origine: v. Cass., 23 settembre 2004, n. 19131), ma anche di assicurare uno stato di maggiore fruttuosita' e speditezza dell'azione esecutiva diretta a far valere la detta garanzia (v. Cass., 9 marzo 2006, n. 5105)".*[3]

*Fis-sentenza M. Cutajar et vs R. Fleming et tat-30 ta' Mejju 2014, il-Qorti tal-Appell qalet:*

"*15. L-effett tal-azzjoni pawljana ma huwiex dak li jħassar għal kollox il-kuntratt għax l-effetti obbligatorji jibqgħu jorbtu lill-partijiet fuq il-kuntratt u jibqgħu jiswew ukoll quddiem terzi; il-kuntratt jitħassar biss fl-interess tal-kreditur li jmexxi bl-azzjoni. Dan it-tħassir fl-interess tal-kreditur-attur huwa meħtieg sabiex il-ħaga aljenata tingieb lura fil-patrimonju tad-debitur u hekk dan ikun jista' jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu li jgħaddiha lill-kreditur, ladarba l-obbligazzjoni ma tkunx tista' tigi esegwita kontra t-terza persuna billi din ma tkunx debitrici tal-kreditur għal dik l-obbligazzjoni*".

*Sabiex tirnexxi l-azzjoni m'hemmx bzonn li ssir prova li d-debitur hu insolventi. Hu bizzejjed li l-att fih innifsu jaghti lok ghall-periklu jew incertezza dwar jekk il-kreditur jirnexxilux jirrejalizza d-dritt tieghu, cjoe' li jkun hemm possibilta' li azzjoni ezekuttiva ma taghtix frott.*

2. Il-konvenut xehed: "*Marti qatt ma kienet taf li jien iffirmajt kambjala favur Dylan Azzopardi ghas-somma ta' sittin Elf Ewros.* ***Meta ffirmajt il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, marti kienet ghadha ma tafx dwar din il-kambjala****. Kienet taf li jezisti Azzopardi imma mhux bhala kreditur tieghi*" (fol. 100). Min-naha taghha l-konvenuta qalet: "***Zewghi qatt ma qalli li kien issellef flus minghand Dylan Azzopardi****. Jien sirt naf bid-dejn li kien ghamel zewghi meta sparixxa u bdew icempluli n-nies ighiduli li ghandhom jiehdu flus minghand zewghi*" (fol. 107). Min-naha tieghu l-attur xehed: ***"Mistoqsi mill-qorti jekk jien [qieghed] nippretendi xi flus minghand il-mara ta' Peter, <u>jien minghand Peter nippretendi</u>. Jien mieghu kelli x'naqsam. Lil Mrs***

[3] Studi di Diritto Civile, 1. Famiglia e Successioni, F. Caringella – R. Giovagnoli, Dott A. Giuffre' Editore, pagna 261.

> ***Zammit qatt ma kellimtha fuq id-dejn li ghamel zewgha mieghi*"** (fol. 111).

*Illum l-attur ghandu titolu ezekuttiv kontra l-konvenut (Artikolu 253(e) tal-Kap. 12), ghalkemm mill-provi jirrizulta li xorta ppropona l-azzjoni kambjarja[4]. Ghalhekk hu kreditur tal-konvenut[5]. Il-konvenut xehed li minghand l-attur issellef is-somma ta' hamsa u tletin elf ewro (€35,000) u l-kumplament hu mghax (fol. 94). Il-konvenut qatt ma ta rendikont u lanqas ma pprezenta provi ta' hlasijiet li qal li ta lill-attur. Fit-twegiba guramentata l-konvenut iddikjara li "7….. s-somma attwalment dovuta mill-esponenti lir-rikorrenti kienet dik ta' €31,000 u liema somma kellha tigi mhallsa ratealment" (fol. 16). Ghalhekk il-konvenut jammetti li hu debitur tal-attur. M'hemmx qbil dwar l-ammont li ghandu jhallas. Pero' m'huwiex kontestat li l-konvenut hu debitur tal-attur. Inoltre, 'l fatt jibqa' li s'issa l-attur ghandu titolu ezekuttiv fil-konfront tal-konvenut, u dan irrispettivament tas-somma li fir-realta' hi dovuta.*

*F'kull kaz, ghalkemm il-konvenut xehed li fis-somma ta' €60,000 hemm element qawwi ta' uzura, min-naha tieghu l-konvenut xehed li l-ewwel darba kien sellef lill-konvenut is-somma ta' €17,000 u sussegwentement sellfu €43,000 in konnessjoni ma' progett li l-konvenut kellu gewwa San Pawl il-Bahar. Verzjonijiet opposti ghal xulxin. A bazi tal-provi li tressqu l-qorti m'hijiex f'posizzjoni li taghmel xi konkluzjoni minkejja li l-konvenut semma[6] li:*

*i. il-konvenut ghad ghandu 22 sena;*

*ii. hu notorju li l-attur jislef il-flus u mlaqqam il-Bona.*

*Dikjarazzjonijiet bhal dawn ma jistghux iservu biex il-qorti tikkonkludi li l-konvenut qal il-verita filwaqt li l-attur gideb. Il-qorti trid tiddeciedi a bazi tal-provi u mhux dikjarazzjonijiet.*

*Fir-rigward tal-konvenuta l-qorti ma tistax tikkonkludi li l-attur hu kreditur taghha. Il-konvenuta ma ffirmatx il-kambjala u kif ikkonferma l-attur ma kinitx involuta. Dan apparti li fir-rigward tal-komunjoni tal-akkwisti, self hu att ta' amministrazzjoni straordinarja li jehtieg il-kunsens tal-mizzewwgin flimkien. Il-kreditu tal-attur m'huwiex dejn li jissemma fl-Artikolu 1327 tal-Kodici Civili, fejn hemm elenkat id-djun li jmorru fuq il-komunjoni tal-akkwisti[7]. Minn kliem l-attur stess hu evidenti li hu*

---

[4] Dylan Azzopardi vs Peter Zammit et (Rikors 1028/2013LSO).

[5] Fis-sentenza Giuseppina Ciancio vs Michele Buontempo et (Volum XXXIV.iii.851), il-Qorti tal-Kummerc osservat: "Il-kelma kreditur f'materja ta' azzjoni pawljana ghandha tigi interpretata mhux fis-sens ristrett ta' persuna li ghandha kreditu pekunjarju accertat, imma fis-sens ta' kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni, b'mod li jista' jesperixxi din l-azzjoni kull min jinsab pregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur".

[6] Ara paragrafu 3B tan-nota ta' sottomissjonijiet.

[7] Ovvjament dan bla pregudizzju ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 1329 tal-Kodici Civili.

*jippretendi l-hlas minghand il-konvenut. Fil-fatt jirrizulta li l-ittra ufficjali li pprezenta ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 ipprezentaha kontra l-konvenut biss. Fatt li jkompli jsahhah il-fehma tal-qorti li l-konvenuta m'ghandha x'taqsam xejn mal-obbligazzjoni.*

*3. Wara li l-qorti semghet il-provi, tosserva:-*

*i. Il-kuntratt tat-3 ta' Settembru 2013 gie ppubblikat minhabba d-dejn li kellu l-konvenut. Dan kien il-mezz li bih il-konjugi Zammit ipprotegew attiv principali li kellhom bejniethom u li kienu ghadhom kif xtraw ftit iktar minn sena qabel. Ghalkemm il-konvenuti argumentaw li l-kreditu tal-attur qatt ma seta' jigi sodisfatt bl-assi tal-komunjoni tal-akkwisti*[8]*, il-qorti ma taqbilx. Il-kredituri parafernali ta' parti fiz-zwieg jithallsu mill-gid parafernali ta' dik il-parti u in subsidium mis-sehem li ghandha fil-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1329 tal-Kodici Civili). Fil-kaz in ezami m'hemmx provi li l-konvenut ghandu gid parafernali.*

*ii. Kienu l-istess konvenuti li f'nota guramentata li pprezentaw fit-13 ta' Mejju 2014 (fol. 20) iddikjaraw:-*

> "*i. Il-komunjoni tal-akkwisti giet itterminata billi Peter Zammit kien dahal f'dejn ma' loan shark, ad insaputa ta' martu Charlotte, u cioe' l-istess rikorrenti f'din il-kawza illi hu u l-familja tieghu huma maghrufa* li jisilfu bl-uzura u ilhom hekk jaghmlu s-snin……" (enfazi tal-qorti).

*Dikjarazzjoni li tikkonferma li meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, il-konvenuta kienet taf bid-dejn. Ghalhekk il-konvenuta kienet taf li l-att ser ikun ta' pregudizzju ghall-attur.*

*Sahansitra l-konvenuta xehedet:*

> "*Hemm certu John Micallef. Dan huwa r-ragel tal-ikbar habiba tieghi, jisimha Joanne Micallef. Jien kont qieghda nahseb illi dan John Micallef qieghed ighin lil zewghi Peter fil-progett tal-Aquarium. Jien kont cempilt lil John nibki. Ghidtlu 'ma nafx fejn hu Peter, ma nafx xi gralu'. Hu beda jsemmieli sa nies li ghandhom jiehdu flus minghand zewghi. Semmihuli lil Dylan Azzopardi u tani anke l-laqam tieghu. Ghidtlu, 'allura taf dawn l-affarijiet kollha fuq Peter, lili ma tghidli xejn ?'….. Lil Azzopardi jiena ma kkuntatjatux. Mill-ewwel kellimt lill-avukat*" (enfazi mizjuda, fol. 107).

*Kliem li jkomplu jsahhu l-fehma tal-qorti li l-konvenuta kienet taf, qabel gie ppubblikat l-att oggett tal-kawza, li zewgha kellu d-dejn man-nies inkluz l-attur.*

*iii. F'kull kaz l-assenjazzjoni li saret bil-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni favur il-mara tista' titqies bhala att gratuwitu min-naha tal-konvenut. Dan peress li min-naha tieghu l-konvenut ma rcieva xejn. Hu veru li fil-kuntratt jissemma li t-trasferiment kien qieghed isir lill-konvenuta peress li hallset id-depozitu ghax-xiri tal-fond u l-ispejjez tal-*

[8] Ara paragrafu 2 tan-nota ta' sottomissjonijiet prezentata fil-15 ta' Settembru 2015.

> *hajja. Madankollu m'hemmx prova li l-konvenuta kellha xi kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti.*
>
> *3. Il-kuntratt tat-3 ta' Settembru 2013 wassal sabiex id-dar matrimonjali saret kollha proprjeta tal-konvenuta u b'hekk tista' tghid li ma baqa' xejn fil-patrimonju tal-konvenut. Dan ovvjament hu ta' pregudizzju ghall-attur."*

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Peter u Charlotte konjugi Zammit, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu gie ddikjarat li fil-konfront tal-attur, il-kuntratt tat-3 ta' Settembru, 2013, ma jghoddx biss ghal dik il-parti li biha l-konvenut appellanti assenja nofs indiviz tal-fond 45, Old Mill House, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta u tal-vettura Peugeot 107 bin-numru EBT 151 lill-konvenuta u b'hekk allura kkonfermat illi sehem dawn l-assi appartenenti lil Charlotte Zammit m'ghandhom bl-ebda mod jaghmlu tajjeb ghal xi djun li l-appellant allegatament ghandu jaghti lill-appellat. Jitolbu wkoll li l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, in kwantu ddikjarat illi dik il-parti tal-kuntratt tat-3 ta' Settembru, 2013, ippubblikat min-Nutar Marilena Cristina, li bih l-appellant assenja lil martu Sharlot Zammit sehmu mill-fond 45, Old Mill House, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta u tal-vettura Peugeot 107 bin-numru EBT 151, sar b'qerq bi hsara tad-drittijiet tal-attur bhala kreditur tal-konvenut Peter Zammit, b'dan ukoll li tiddikjara, jekk hemm bzonn illi kull kreditu li jista' jkollu l-attur appellat kontra l-appellant jolqot biss lil beni parafernali tal-appellant u mhux lill-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn l-appellanti qabel ma dawn dahlu fil-

kuntratt ta' separazzjoni ta' beni bejniethom. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

6. Rat illi l-attur appellat Dylan Azzopardi, minkejja li kien notifikat bir-rikors tal-appell bil-procedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni, fil-Gazzetta tal-Gvern u f'zewg gazzetti lokali, huwa naqas li jressaq risposta fiz-zmien li taghtih il-ligi.

7. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

8. L-attur Dylan Zammit ghamel din il-kawza sabiex il-Qorti tiddikjara null il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni ppubblikat min-Nutar Dr. Marilena Cristina, li sar b'qerq u bi hsara tad-drittijiet tal-attur, bhala kreditur tal-konvenut Peter Zammit, li ffirma kambjala fl-ammont ta' €60,000 a favur tal-attur, liema kambjala skadiet u ma gietx onorata. Dan il-kuntratt jinghad li sar bi ksur tal-Artikolu 1144 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement intalab li l-imsemmi kuntratt jithassar ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, inkluz li tigi notifikata l-imsemmija Nutar sabiex issir l-annotazzjoni mehtiega fuq l-istess kuntratt.

9. Il-konvenuti eccepew fost affarijiet ohra li, l-azzjoni attrici hija effetwata bl-illecitu u bbazata fuq stqarrija falza peress li jinghad li l-ammont attwalment misluf huwa inqas minn dak li jirrizulta mill-kambjala, u li thallas l-ammont ta' madwar €30,000. Illi kien l-attur u mhux il-konvenuti li mexa b'mod qarrieqi, peress li minkejja li kien jaf li l-konvenut kien mizzewweg, gieghlu jiffirma skrittura privata fejn ikkostitwixxa ruhu debitur, kif ukoll gieghlu jiffirma l-kambjala, dan kollu *ad insaputa* ta' martu Sharlot. Il-konvenuti jikkoncedu li s-somma attwalment dovuta lill-atturi hija ta' €31,000 u liema somma kellha tithallas ratealment, izda li hadd m'ghandu jitlob l-assistenza tal-Qorti sabiex isir haqq mieghu meta l-agir ta' dik il-persuna tkun imcappsa bl-uzura u tkun halfet il-falz ghal diversi drabi meta baqghet tinsisti li ma thallset xejn mill-ammont originarjament misluf.

10. Permezz tas-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 2015, l-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fis-sens li ddikjarat il-kuntratt tat-3 ta' Settembru, 2013, ippubblikat min-nutar Marilena Cristina li bih il-konvenut assenja sehmu lill-konvenuta mill-fond 45, Old Mill House, Triq il-Mithna l-Qadima, Mosta u tal-vettura Peugeot 107 bin-numru EBT 151, sar b'qerq, bi hsara tad-drittijiet tal-attur bhala kreditur tal-konvenut Peter Zammit, u ddikjarat li fil-konfront tal-attur, dan l-istess kuntratt ma jghoddx biss ghal dik il-parti li biha l-konvenut assenja nofs indiviz tal-fond 45, Old Mill House, Triq il-

Mithna l-Qadima, Mosta u tal-vettura Peugeot 107 bin-numru EBT 151, lill-konvenuta.

11. Il-konvenuti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew appell minnha. L-appell tal-konvenuti huwa bbazat fuq l-aggravju li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett kemm tal-ligi, kif ukoll tal-fatti meta ddikjarat li l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni bejn il-konjugi Peter u Sharlot Zammit kien intiz sabiex l-attur appellat ma jkunx jista' jithallas l-ammont allegatament misluf lill-appellant Peter Zammit, billi l-ewwel Qorti dehrilha li dak l-allegat self kellha taghmel tajjeb ghalih il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Zammit, qabel ma' dawn dahlu fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, mertu ta' dawn il-proceduri. Dan meta l-ligi tghid b'mod car li, dejn li jsir minn wiehed mill-konjugi, li bejniethom hemm il-komunjoni tal-akkwisti, meta dan ikun sar minghajr il-firma jew l-accettazzjoni tal-parti l-ohra fiz-zwieg, anzi jinghad li l-allegat dejn sar minn wara dahar u *ad insaputa* tal-konvenuta appellanti, dak id-dejn m'ghandha qatt taghmel tajjeb ghalih il-proprjeta` tal-komunjoni tal-akkwisti, izda f'dak il-kaz ghandha taghmel tajjeb biss il-proprjeta` parafernali ta' dik il-parti li tkun agixxiet minn wara dahar il-parti l-ohra. L-appellanti jaghmlu referenza ghall-gurisprudenza in sostenn tal-argument taghhom li l-kunsens tal-mara hu mehtieg sabiex ftehim jorbot lill-komunjoni tal-akkwisti (ara sentenza fl-ismijiet **Angela Demarco v. David Demarco** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9

ta' Ottubru, 2003, ikkonfermata minn din il-Qorti fl-1 ta' Gunju, 2007). F'dik l-istess sentenza saret referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Frendo v. Zahra** deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, fejn jinghad li gie implicitament rikonoxxut li ragel jista' jagixxi wahdu u jassumi kull obbligazzjoni li jidhirlu u dik l-obbligazzjoni tkun valida u torbot, b'dan pero` li l-kreditur m'ghandux jinvolvi lill-mara u lill-komunjoni f'dik l-obbligazzjoni fl-ezekuzzjoni ta' dak il-ftehim. Kwindi l-appellanti jsostnu li l-ewwel Qorti zbaljat meta ddikjarat li l-ammont misluf lill-konvenut appellant seta' jigi nfurzat fuq sehmu mid-dar konjugali u fuq il-mobbli ta' go fiha, li l-konjugi Zammit akkwistaw fiz-zwieg taghhom, peress li kwalunkwe dejn li seta' ghamel il-konvenut *ad insaputa* ta' martu, seta' jigi ezegwit biss fuq il-proprjeta` parafernali tal-konvenut u qatt fuq il-proprjeta` tal-komunjoni tal-akkwisti. L-appellanti jsostnu li ghalhekk l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni kien irrilevanti ghad-drittijiet tal-attur appellat, peress li l-proprjetà parafernali tal-konvenut ma gew milquta bl-ebda mod. Hekk ukoll, l-appellanti jsostnu li l-interess guridiku huwa nieqes minn dawn il-proceduri, peress li b'din il-kawza jew minghajrha d-drittijiet tal-attur appellat baqghu impregudikati fuq il-proprjetà parafernali tal-appellant. L-appellanti jaghmlu referenza ghall-Artikolu 1322(3) (f), 1327 u 1329 tal-Kodici Civili, sabiex isostnu li sallum il-konsistenza tal-gid parafernali tal-konvenut appellant ghadu mhux maghruf u ghalhekk l-attur appellat ikun qieghed jagixxi intempestivament, meta jitlob li d-dejn li jista' jkollu, ghandu jithallas mis-sehem tal-komunjoni tal-akkwisti li

kienet tezisti bejn il-konjugi Zammit. Kwindi jtennu li l-ligi ma taghtix r-rimedju li l-attur appellat qieghed ifittex permezz tal-kawza odjerna, peress li l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni annullat mill-ewwel Qorti m'ghandu l-ebda effett fuq id-drittijiet tieghu, gialadarba l-komunjoni tal-akkwisti ma taghmilx tajjeb ghad-dejn maghmul minn parti wahda miz-zwieg *ad insaputa* tal-parti l-ohra.

12. Ghandu jinghad mal-ewwel li, sa fejn l-appell tal-konvenuti huwa msejjes fuq l-apprezzament tal-ewwel Qorti, din il-Qorti bhala regola, ma tqisx mill-gdid il-provi mressqa, sakemm l-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi ma jkunx wiehed evidentement irragonevoli u lanqas m'ghandha din il-Qorti tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti b'taghha. Madankollu kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Dott. Antoinette Cutajar v. L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et:**

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*"

Jitqies, ghalhekk, xieraq li din il-Qorti tinvesti l-ilment tal-konvenuti appellanti.

13. Jibda billi jigi osservat li l-azzjoni attrici hija wahda pawljana fejn qieghed jigi attakkat il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni bejn il-konvenuti datat 3 ta' Settembru, 2013, u l-ewwel Qorti bhal din il-Qorti, kienet tenuta li tiddeciedi l-kaz fil-parametri tat-talbiet attrici u tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Din l-azzjoni ma saritx sabiex Sharlot Zammit tigi meqjusa bhala debitrici flimkien ma' zewgha Peter Zammit, fil-konfront tal-attur appellat, izda saret sabiex l-attur appellat ikun jista' effettivament jenforza l-pretensjonijiet tieghu fil-konfront ta' Peter Zammit a bazi tal-kambjala datata 31 ta' Awwissu, 2013 (Dok. A a fol. 5 tal-process).

14. Din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghar-rassenja tal-fatti elenkati mill-ewwel Qorti, tosserva li fil-mori tal-appell, kien hemm zvilupp fis-sens li fil-kaz (Rikors numru 955/13) fejn il-konvenut talab lill-Qorti tordna s-sospensjoni tat-titolu ezekuttiv (rigward il-kambjala), gie effettivament milqugh minn din il-Qorti permezz tas-sentenza taghha tat-23 ta' Novembru, 2020, fejn hassret id-decizjoni li tat il-Qorti tal-ewwel grad fid-9 ta' April, 2014, fl-ismijiet **Dylan Azzopardi v. Peter Zammit.** Permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti ntlaqghet it-talba tal-appellant Zammit u ordnat is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala datata 31 ta' Awwissu, 2013, ghas-somma ta' €60,000, u ghaldaqstant gie ddikjarat li

l-appellat Azzopardi ghandu jipprocedi b’kawza dwar il-pretensjoni li ghandu kontra Zammit. Sadanitant ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Prim’Istanza l-azzjoni kambjarja (Rikors Numru 1028/2013 fl-ismijiet **Dylan Azzopardi v. Peter Zammit et)**.

15. Madankollu, kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li ghall-fini tal-azzjoni pawljana, l-attur f’dan il-kaz, jitqies bhala kreditur, minghajr pregudizzju ghall-accertament gudizzjarju li ghad irid isir f’dik l-azzjoni kambjarja. Kif inghad drabi ohra, din l-azzjoni tispetta lil u hija miftuha “*ghal kull min ghandu azzjoni x’jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta’ obbligazzjoni b’mod li jista’ jisperixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta’ haddiehor b’atti kompjuti mid-debitur.* (Ara sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Moira Zammit Tabona v. Silmar Limited et** deciza fit-13 ta’ Frar, 2003.) Huwa rimedju generiku u komprensiv moghti lil kull kreditur biex dan jesigi dak li hu dovut lilu. (Ara sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Marco Bongailas v. John Magri et** deciza fil-15 ta’ Jannar, 2002). In partikolari, l-azzjoni toffri rimedju mhux biss lill-kreditur pekunjarju, izda wkoll lil kull min jivvanta dritt valutabbli pekunjarjament li jsib ruhu defrawdat, meta jsiru atti li jimpeduh milli jissodisfa d-drittijiet tieghu, jekk dak l-att ma jigix annullat sabiex jara li jigu sodisfatti d-drittijiet tieghu. (Ara sentenza ta’ din il-Qorti tal-10 ta’ Jannar, 1955 (Kollez. Vol. XXXVIII.I.24), fil-kawza fl-ismijiet **Emanuele Calleja v. Carmelo Grima et**). Dan kollu jinghad

minghajr pregudizzju ghall-allegazzjonijiet tal-konvenuti appellanti li l-pretensjonijiet tal-kreditu huma mcappsa bl-uzura, li ghandhom jigu mistharrga fil-kawza relattiva ghall-azzjoni kambjarja.

16. Fil-verita` l-appell in ezami ma jikkontestax l-elementi relattivi ghall-azzjoni pawljana riskontrati mill-ewwel Qorti li wassluha ghad-decizjoni taghha, izda l-appell jiffoka fuq it-tieni eccezzjoni partikolari, dik li s-self maghmul mill-attur appellat favur il-konvenut appellant sar minn wara dahar il-konvenuta appellanti u konsegwentement jargumentaw li dan is-self, m'ghandux ikollu effett fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Ghandu jinghad li, ghalkemm huwa minnu li l-ligi fl-Artikolu 1322(3)(f) tal-Kodici Civili, jinghad li meta parti fiz-zwieg tislef jew tissellef il-flus (minbarra d-depozitu ta' flus f'kont tal-bank) titqies bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja, min-naha l-ohra l-ligi tipprovdi wkoll eccezzjoni, dak fejn is-self ikun att normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni ta' dik il-persuna li tkun issellfet jew silfet (Artikolu 1324 tal-Kodici Civili).

17. Fost il-gurisprudenza li din il-Qorti tqis relevanti ghall-materja in ezami nsibu s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Ottubru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Claudette Gauci v. Paolo Bonnici Limited et,** fejn fost affarijiet ohra nghad:

> *"…l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili jiddisponi li att li normalment hu meqjus bhala att ta' amministrazzjoni straordinarju jista' jsir minn konsorti wiehed u jkun validu jekk dak l-att ikun att normali ta' gestjoni*

*ta' kummerc, negozju jew professjoni tal-konsorti li jkun agixxa minghajr il-permess tal-parti l-ohra.*

*… din ill-Qorti hi tal-fehma li komprizi fit-terminologija ta' att normali ta' gestjoni ta' negozju wiehed ghandu jinkludi mhux biss l-atti gurnaljieri tal-kummerc izda wkoll dawk l-attivitajiet li ghalkemm ma jsirux fuq bazi regolari, huma pero' normali fil-kummerc u fin-negozju. Il-Qorti tifhem li trid tinghata interpretazzjoni wiesa' lil dak l-artikolu, biex jigi li jkopri kull tip ta' negozju, anke wiehed eccezzjonali, li wiehed jistenna li jsir minn min ikun f'dak in-negozju, kummerc jew professjoni. Il-ligi, fil-fatt, ma tuzax il-kelma "regolari" jew "ta' kuljum" ghall-eccezzjoni, izda att normali, u att ikun "normali" skond in-negozju u z-zmien li fih sar l-att.*

***Hekk, per ezempju, fil-kawza "<u>Bonnet vs Borg</u>", deciza minn din il-Qorti (per Onor. Albert J. Magri) fl-20 ta' Jannar, 1999, intqal li self li persuna tiehu u l-ghoti ta' kambjali in garanzija ghar-restituzzjoni, hu att kopert bl-artikolu 1324.***

*…Kieku att straordinarju li hu att normali ta' gestjoni ta' kummerc ma jorbotx il-komunjoni tal-akkwisti, ma jkunx hemm lok tar-regola introdotta bl-artikolu 1324, ghax bhala att straordinarju ezercitat minn konjugi wiehed biss ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti fih innifsu. L-iskop ta' l-artikolu 1324 hu intiz biex, fil-konfront ta' terz, il-komunjoni tintrabat anke meta att straordinarju jsir minn konsorti wiehed biss, basta li jkun att "normali" ta' gestjoni ta' kummerc. It-terz, allura, ma jkollux ghalfejn, kull darba, li jinnegozja ma konsorti jitlob li dan ta' l-ahhar igib il-parti l-ohra mieghu, ghax jaf li, bil-firma ta' parti wahda, xorta wahda jkun kopert."*

(enfasi ta' din il-Qorti)

Ghalkemm dik is-sentenza giet varjata minn din il-Qorti, permezz tas-sentenza taghha tal-1 ta' Gunju, 2007, peress li gie ritenut li l-ghoti ta' garanzija personali minn Direttur ta' kumpanija kien att ta' amministrazzjoni straordinarja li kellu jsir miz-zewg mizzewgin flimkien, il-principji hemm imsemmija jibqghu xorta wahda validi.

18. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, mill-atti jirrizulta li l-konvenut Peter Zammit xehed li wara li ghamel zmien fin-negozju tal-familja, telaq b'negozju ghal rasu li kien jikkonsisti fil-progett tal-Akkwarju

Nazzjonali, fil-Qawra u waqt dan il-progett dahal fi problemi finanzjarji, minhabba li l-konsenja ta' taghmir li kellu jaghmel gabha bl-ajru, minflok bil-bahar sabiex igibha fil-hin, bil-konsegwenza li wehel spiza qawwija. Il-konvenut appellant beda jissellef il-flus fosthom minghand l-attur appellat. Lill-mara ma qalilha b'xejn dwar dan id-dejn. Mill-ftehim li jidhol bi shab fuq il-progett tal-Akkwarju ma sar xejn, peress li ma' min kien qieghed jahdem, ma zammx il-kelma li jdahhlu bi shab fuq il-progett. Il-konvenut appellant spicca thallas tal-materjal biss, filwaqt li huwa kellu jaghmel tajjeb ghal bosta spejjez u ghalhekk, ma kellux bizzejjed flus biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez. Sadanittant il-konvenut waqa' wkoll fil-vizzju tax-xorb. Il-mara tal-konvenut indunat li r-ragel kellu problemi ta' dejn peress li r-ragel taghha beda jisparixxi u bdew icemplu n-nies jghidulha li ghandhom jiehdu flus minghand zewgha, izda mhux l-attur. Hija saret taf li zewgha kellu jaghti flus lill-attur meta qalilha r-ragel tal-habiba taghha u hija kellmet mill-ewwel lill-avukat. Il-konvenut appellant kellu d-dejn qabel il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni, izda wara dan il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, issellef aktar flus sabiex jipprova jsalva l-progett.

19. Fil-fehma ta' din il-Qorti, huwa x'aktarx ovvju li s-self ta' flus li ha l-konvenut Peter Zammit, sar b'rabta man-negozju li kellu relatat mal-Akkwarju Nazzjonali. Din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-konvenut appellant dahal f'din il-kontrattazzjoni ta' self mal-attur fi Frar tas-sena 2013, sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez u d-dejn li kellu in konnessjoni man-negozju

mniedi minnu, ghall-finijiet tal-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Ghalkemm dan is-self jinghad li sar permezz ta' "kitba", l-ebda parti fil-kawza ma esebiet dan il-ftehim. Fil-31 ta' Awwissu, 2013, giet iffirmata l-kambjala, bhala garanzija tas-self li nghata lill-konvenuti. Kif inghad qabel, huwa ritenut li self li persuna tiehu u l-ghoti ta' kambjali in garanzija ghar-restituzzjoni tad-dejn, hu att normali ta' gestjoni ta' negozju, kopert bl-Artikolu 1324. Kwindi din l-obbligazzjoni torbot lill-komunjoni tal-akkwisti.

20. Ghalkemm il-konvenuti appellanti jishqu li fit-3 ta' Settembru, 2013, sar il-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni, li bih giet terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom, dan il-kuntratt effettivament sar wara li nghata s-self u li giet iffirmata l-kambjala mill-konvenut appellant. Dan il-kuntratt ghalhekk, m'ghandux ikun ta' pregudizzju ghall-interessi tal-kredituri. Kwindi minkejja li din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti sa fejn inghad minnha li ma tistax tikkonkludi li l-attur appellat huwa kreditur tal-konvenuta Sharlot Zammit, in kwantu l-konvenuta la ffirmat il-kambjala, u kif ikkonferma l-attur appellat, ma kinitx involuta, ladarba d-debitu maghmul mill-konvenut Peter Zammit jitqies li sar in konnessjoni man-negozju tieghu, bilfors li dan il-piz jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Cardona v. Massimo Zahra et**). Altrimenti jkun tassew facli ghad-debitur li jidhol fi djun, il-kreditur ikun minghalih li l-komunjoni tal-akkwisti ser taghmel tajjeb ladarba qieghed

jittratta ma' negozjant, izda imbaghad id-debitur jittrasferixxi jew jassenja l-attiv fil-komunjoni tal-akkwisti, sabiex jiskapricca lill-kredituri.

21. Ladarba tigi xolta u diviza l-komunjoni tal-akkwisti, id-djun tal-komunjoni ghandhom jaghmlu tajjeb ghaliha z-zewg konvenuti appellanti, li ghandhom jaghmlu tajjeb ghad-djun tal-komunjoni li kienu jezistu qabel it-terminazzjoni ta' dak ir-regim, jew li huma konsegwenza ta' obbligazzjonijiet li l-konvenut dahal ghalihom waqt l-operat tal-komunjoni tal-akkwisti. Isegwi li l-argumenti tal-konvenuti appellant, fis-sens li l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni ma kien ta' ebda pregudizzju ghall-attur appellat, peress li l-proprjeta` parafernali tal-konvenut ma giet milquta bl-ebda mod, jew li jonqos fl-attur appellat l-interess guridiku ma jregux, in kwantu self u kambjala mahruga bhala garanzija ghall-hlas ta' dak is-self, huma atti normali ta' negozju, li ghalihom ghandha taghmel tajjeb ukoll il-komunjoni tal-akkwisti. Kif inghad fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Novembru, 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud v. Carmen Zahra et,** jekk kemm-il darba l-konvenut appellant kellu proprjeta` parafernali li biha seta' jaghmel tajjeb ghad-dejn tieghu mal-attur, sabiex juri li bil-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni l-attur appellat ma kienx ser jigi ppregudikat, kien jispetta lilu li jressaq tali prova sabiex iwaqqaf l-azzjoni attrici. Fil-verita` l-konvenut xehed li huwa mhux f'pozizzjoni finanzjarja tajba sabiex ihallas lill-attur, proprjeta` f'ismu jew gid ma fadallu xejn u kull m'ghandu huma l-hwejjeg. Jinghad ukoll li

ghandu sehem mill-gid tal-kumpaniji tal-familja, izda m'ghandu l-ebda kontroll fuq in-negozju u dhul min-negozju tal-familja m'ghandux – fol. 95-96 tal-process.) Ghalkemm l-ewwel Qorti ma nvestitx dan l-aspett tal-ligi, kif rizultanti d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili, fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti, wara li rat mill-gdid il-provi in atti, ma tqisx li jezistu ragunijiet validi sabiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, in kwantu d-decizjoni taghha kienet wahda ragonevoli u din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni milhuqa minnha. Din il-Qorti tghid ukoll li taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li kien hemm elementi probatorji bizzejjed fl-atti biex juru li l-appellanti kienet taf bin-negozju li zewgha l-appellant kellu mal-appellat.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell imressaq mill-konvenuti appellanti Peter u Sharlot konjugi Zammit billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
da